MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 363/2007

**Carmelo u Annunziata sive Nancy konjugi Attard (ID 865348 M) u**
**(ID 766748 M) rispettivament**

**vs**

**Martin Zahra (ID 785055 M) u**
**Mary Montebello (ID 320456 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta' elf, seba' mija, sebgha u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,797.25) ekwivalenti ghal Lm771.56 rapprezentanti hlas ta' kontijiet tad-dawl u elettriku imhallsa mill-esponenti, liema ammont baqa' dovut ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jersqu biex ihallsuh.

Bl-imghaxijiet mill-prezenti sa l-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 1470/07 tal-21 ta’ Marzu, 2007 u ittra ufficjali ohra ta’ Jannar, 2007 fl-istess ismijiet u bil-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepixxew illi it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dan peress illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ebda ammont huwa dovut mill-eccipjenti.

Illi l-eccipjenti sofrew danni, konsistenti f’valur ta’ merkanzija li tinhazen fil-‘*freezers’* illi l-eccipjenti kienu kostretti jiddisponu minnhom stante illi l-atturi tterminaw il-lokazzjoni prematurament u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi ghalhekk l-eccipjenti qieghdin jintavolaw kontro- talba f’dan ir-rigward.

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Ra l-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti fejn talbu illi l-atturi rikonvenzjonati jhallsu s-somma ta’ elf sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€ 1630.56c) ekwivalenti ghal Lm700 ta’ dak iz-zmien jew somma ohra verjuri li tigi likwidata, rapprezentanti danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti konsistenti fil-valur ta’ merkanzija li tinhazen fil-*‘freezers’* u dan konsegwenza ta’ terminazzjoni prematura tal-ftehim ta’ lokazzjoni u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluz ta` l-ittra interpellatorja datata 4 ta’ Frar, 2007 u bl-imghaxijiet legali kontra l-atturi rikonvenzjonati ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ghal kontro talba mill-atturi rikonvenzjonati fejn eccepixxew illi t-talbiet fil-kontro-talba huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex:

Illi fl-ewwel lok mhuwiex minnu li l-imsemmija kirja giet itterminata b’mod prematur. Giet itterminata fid-dawl ta’ dak li kienet tipprovdi l-iskrittura ta’ kera ta’ l-4 ta’ Mejju, 2005 u dan peress illi l-istess konvenuti rikonvenzjonanti kienu ghal kollox inadempjenti ma` l-istess.

Fit-tieni lok meta l-istess konvenuti rikonvenzjonanti ddepozitaw ic-cwievet tal-fond *'de quo'* taht l-awtorita' tal-Qorti dan id-depozitu kien ghal kollox irritwali u ghamlu dan minghajr ebda riserva. Kwindi mhumiex intitolati li jaghmlu t-talbiet odjerni. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-konvenuti rikonvenzjonanti sofrew danni, dawn kienu *'self inflated'* u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

Ra d-dokumemnti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Carmelo Attard, Joseph Caruana, Annunziata sive Nancy Attard, Martin Zahra u x-xhieda bl-affidavit ta' Annunziata sive Nancy Attard u Carmelo Attard.

**IKKUNSIDRA**

Illi din il-kawza titratta dwar rifuzjoni lill-atturi ta' hlasijiet ta' konsum ta' dawl u elettriku li l-konvenuti allegatament naqsu milli jhallsu skond l-obbligi u l-kundizzjonijiet ta' l-iskrittura ta' kiri datata 4 ta' Mejju, 2005.

Illi jirrizulta li kien hemm skrittura ta' kiri datata 4 ta' Mejju, 2005 bejn il-partijiet ghal fond *'All in One Store'* numri 31 u 33 fi Triq Rimona, Mosta. Illi t-talba qieghda ssir biss ghal rifuzjoni ta' kontijiet ta' dawl u ilma mhallsa mill-atturi ghal perjodu bejn 30 ta' Settembru, 2006 sa Frar, 2007. Illi jirrizulta illi minhabba theddida ta' sospensjoni ta' provista ta' l-elettriku permezz ta' avviz datat 6 ta' Jannar, 2007 mibghuta mill-Korporazzjoni li tipprovdi dan is-servizz, l-atturi kienu hallsu s-somma ta' Lm 569.89. Sussegwenetement hallsu kont iehor fl-ammont ta' Lm82.73 fit-2 ta' Frar, 2007. Iz-zewg kontijiet imhallas b'kollox jammontaw ghal Lm 652.62. Sar pagament iehor mill-atturi fit-2 ta' Marzu, 2007 ta' Lm 118.94 ghal revizzjonijiet li kellhom isiru u ghas-saldu tal-kontijiet

dovuti kollha li nhargu fiz-zmien meta l-konvenuti kienu qieghdin jokkupaw il-fond '*All in One Store'*.

Illi skond l-artiklu 18 tal-ftehim ta' kiri l-kontijiet tad-dawl, ilma, telefon jew utilita' ohra kellhom jibqghu jircevuhom is-sidien u cioe' l-atturi odjerni izda kellhom jigu mhallsa mill-inkwilini puntwalment. Il-partijiet kienu ftiehmu li fil-kaz illi l-inkwilini jintsabu moruzi fil-hlasijiet, is-sidien kellhom ihallsu l-kont u skond il-ftehim kellhom id-dritt li jirreklamaw l-ammont imhallas bl-interessi ta' tmienja fil-mija minn meta l-hlas kien dovut. Oltre il-hlas lura bl-interessi l-kirja setghet tigi xolta *'ipso jure'* u jiskattaw il-kundizzjonijiet imposti fi klawsola hamsa tal-ftehim li izda m'huwiex mertu ta' din il-kawza.

It-Tribunal huwa fid-dover li jistudja u jinvestiga biss it-talba li ghandu quddiemu u sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta tal-vertenza tal-kawza huwa ghandu jgharbel u jevalwa l-provi kollha migjuba quddiemu.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-ahhar hlas puntwali mill-konvenuti kien sar fl-20 ta' Settembru, 2006. Illi l-kontijiet ta' Ottubru, Novembru u Dicembru ammontanti ghal Lm 569.89 ma kienux thallsu puntwalment u kien hemm pagament *'in parte'* mill-konvenuti direttament lill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, ta' Lm50 fit-22 ta' Jannar, 2007.

Illi mill-provi jirrizulta illi fil-harifa ta` l-2006 l-kontijiet ma baqghux jithallsu puntwalment mill-konvenuti, tant illi wara li s-sidien ircevew avviz ta' sospensjoni tas-servizz ta' l-elettriku, is-sidien qabdu u hallsu l-ammont pendenti.

Illi fi kliem tal-konvenut Martin Zahra, huwa xehed illi hu xtaq ihallas l-kont tad-dawl u elettriku mensilment fl-ammont ta' Lm 50 fix-xahar, izda ma kien hemmx ftehim dwar dan. Illi mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta ammissjoni li l-kontijiet kellhom jithallsu minnhom izda li ma kienx hemm qbil ta' kif kien ser jithallas dan l-ammont.

Mid-dokumenti fl-atti jirrizulta illi s-sidien ma kienux qablu li jsir hlas ta' Lm50 fix-xahar u minhabba l-morosita' fil-

hlas tal-kontijiet tad-dawl u elettriku l-atturi ghazlu li jitterminaw *'ipso jure'* l-kuntratt ta' kiri li kellhom bejniethom skond il-ftehim ta' kiri milhuq bejn il-partijiet.

Illi jirrizulta illi permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Jannar, 2007 notifikata liz-zewg konvenuti, l-atturi kienu infurmawhom illi kienu hallsu Lm569.89 rapprezentanti konsum ta' dawl u ilma maghmul minnhom u talbu r-rifuzjoni ta' dak l-ammont u tahom hmistax-il gurnata sabiex ihallsuhom u jekk ma kienx ser jsir il-hlas huma kienu ha jitterminaw il-kirja. Illi skond cedola ta' depozitu datata 5 ta' Frar, 2007, l-inkwilini u cioe' l-konvenuti fil-kawza kienu ddepozitaw ic-cwievet tal-fond mikri lilhom l-Qorti peress illi allegaw illi s-sidien kienu rrifjutaw li jaccettaw ic-cwievet tal-hanut.

It-Tribunal huwa tal-fehma in konkluzjoni, l-atturi kienu hallsu l-kontijiet ta' l-elettriku u ilma fiz-zmien li l-fond kien okkupat mill-konvenuti u wara li l-inkwilini kienu moruzi. Illi t-Tribunal huwa konvint mill-provi migjuba quddiemu illi l-konvenuti ghandhom jirrifondu lill-atturi l-ammont indikat fit-talba u dan wara li t-Tribunal ezamina d-dokumenti prodotti u ezebiti mir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma fejn xehdu illi l-kont li jsejjah l-fond in kwistjoni kien imhallas kollu. Jirrizulta lit-Tribunal illi sa Marzu, 2007 il-konvenuti kienu hallsu l-ammont ta' Lm 771.56, l-ammont fit-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa konvint illi l-ammont ta' Lm 771.56 ghandu jigi mhallas lura lill-atturi.

Illi rigward il-kontro talba, jirrizulta illi l-konvenuti rikonvenzjonanti ghamlu talba ghal Lm700 ghal danni sofferti. Dawn id-danni jikkonsistu f'prodotti ta' ikel li kellhom jinhaznu gewwa *'freezers'* u li minhabba illi l-atturi itterminaw il-lokazzjoni prematurament il-konvenuti kellhom jiddisponu minnhom.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenuti rikonvenzjonanti pprezentaw kopji ta' *'invoices'* ta' prodotti ta' ikel li kienu nxtraw f'Novembru, 2006 u li xi whud gew ripetutament ordnati bejn Novembru, 2006 u Jannar, 2007. Illi d-

dokumenti ezebiti huma biss xhieda ta’ prodotti mixtrija, u li certi prodotti gew ordnai u mixtrija mill-gdid. Ma ngabitx ebda prova ohra li tista’ tipprova danni effettivament sofferti mill-konvenuti.

Illi t-Tribunal jirritjeni illi l-atturi rikonvenzjonati m’ghandhomx jitqiesu responsabbli ghal mod ta’ kif il-konvenuti kellhom jiddisponu mill-prodotti illi kellhom fil-hanut. Illi t-Tribunal jirrilleva illi l-atturi qatt ma hallew illi s-servizz ta’ l-elettriku jigi sospiz waqt illi l-konvenuti kienu qieghdin jokkupaw il-fond, izda ghazlu li jhallsu l-kontijiet ghal konsum tad-dawl u ilma tal-konvenuti u wara li l-konvenuti baqghu ma hallsux il-kontijiet tad-dawl u ilma, l-atturi ghazlu li jitterminaw il-kirja. Illi skond l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti huma kellhom hmistax-il gurnata sabiex ihallsu l-kontijiet pendenti. Il-konvenuti ghazlu li ma jhallsux. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuti stess huma responsabbli ghal agir taghhom u jekk kemm-il dabra sofrew xi hsarat dan kien biss b’rizultat u konsegwenza tan-nuqqsijiet taghhom.

Illi mill-provi rrizulta illi x-xoghol fil-hanut kien jappartjeni lill-konvenuti u fil-fehma ekwa u gusta tat-Tribunal l-ghazla ta’ kif kellhom jiddisponu mill-prodotti appartenenti lilhom kienet ir-responsabbilita’ taghhom.

In konkluzzjoni t-Tribunal huwa moralment u legalment konvint illi l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti ghandha tigi respinta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba, fil-waqt illi jichad il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

Bl-ispejjez tal-kawza ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------